

MT

MT

MT



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 28.5.2008
KUMM(2008) 330 finali

**RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL, LILL-PARLAMENT
EWROPEW U LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW**

**Rapport dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Reklamar tat-
Tabakk (2003/33/KE)**

**RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL, LILL-PARLAMENT
EWROPEW U LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW**

**Rapport dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Reklamar tat-
Tabakk (2003/33/KE)**

1.	Introduzzjoni	4
2.	Sfond	4
3.	Traspożizzjoni mill-Istati Membri	5
4.	Implimentazzjoni mill-Istati Membri	6
4.1.	Il-midja ta' l-istampa.....	6
4.1.1.	It-terminu “pubblikazzjonijiet stampati”	6
4.1.2.	Traspożizzjoni mill-Istati Membri	6
4.1.3.	Implimentazzjoni.....	7
4.2.	Servizzi tas-soċjetà ta' l-informazzjoni	7
4.2.1.	Traspożizzjoni mill-Istati Membri	7
4.2.2.	Implimentazzjoni.....	8
4.3.	Kwistjonijiet marbuta ma' sponsorjar	9
4.3.1.	Traspożizzjoni	9
4.3.2.	L-isponsorjar ta' l-avvenimenti.....	9
4.3.3.	Il-promozzjoni tat-tabakk fil-films.....	10
4.3.4.	Promozzjoni korporattiva.....	10
4.4.	Penali.....	11
4.5.	L-aċċess għall-ġustizzja	11
4.5.1.	Traspożizzjoni mill-Istati Membri	11
4.5.2.	Implimentazzjoni.....	12
4.6.	Infurzar transkonfinali.....	12
5.	Konklużjonijiet.....	13

1. INTRODUZZJONI

Bi qbil ma' l-Artikolu 6 tad-Direttiva dwar ir-Relamar tat-Tabakk¹ (minn issa 'l quddiem 'id-Direttiva'), dan ir-rapport dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva huwa sottomess mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.

Id-Direttiva ma tipprevedix lill-Kumitat biex jgħin lill-Kummissjoni fil-monitoraġġ, fl-iskambju ta' l-informazzjoni u fil-kooperazzjoni fl-implimentazzjoni tad-Direttiva bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni. Sabiex tagħmel skambju ta' l-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva, il-Kummissjoni waqqfet grupp informali ta' uffiċjali responsabbli mill-Istati Membri dwar ir-reklamar tat-tabakk.

Ir-rispons mid-diskussjonijiet f'dan il-grupp juri li l-awtoritajiet kompetenti għall-infurzar u l-kontroll fl-Istati Membri huma lesti jkollhom forum sabiex jaqsmu l-informazzjoni u l-aqwa prattiki dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva. Minn meta skada ż-żmien għat-traspożizzjoni tad-Direttiva (31 ta' Lulju 2005), il-grupp iltqa' erba' darbiet.

Dan ir-rapport hu msejjes fuq informazzjoni li waslet lill-Kummissjoni mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri permezz tal-grupp imsemmi hawn fuq, mingħand ċittadini, minn organizzazzjonijiet mhux governattivi, u minn osservazzjonijiet tas-servizzi tal-Kummissjoni.

Minħabba ż-żmien qasir li għadda mit-traspożizzjoni tad-Direttiva, inkluż dewmien f'xi Stati Membri, għadu kmieni wisq biex wieħed jevalwa l-effettività ta' din id-Direttiva fuq is-saħħa pubblika. Madankollu, huwa mistenni li l-projbizzjoni komprensiva fuq ir-reklamar transkonfinali introdotta mid-Direttiva għandha tgħin biex, fit-tul, tnaqqas il-prevalenza tat-tipjip fi ħdan l-Unjoni Ewropea, minħabba li effett bħal dan huwa rikonoxxut bħala riżultat ta' projbizzjonijiet komprensivi ta' reklamar tat-tabakk².

2. SFOND

L-ambitu tad-Direttiva (2003/33/KE) jirriżulta mill-eżitu tal-Qorti li l-UE, leġittimament, tista' tintroduċi biss projbizzjoni fuq ċerti tipi ta' reklamar u sponsorjar tat-tabakk b'implikazzjonijiet transkonfinali fuq il-bażi ta' l-Artikolu 95 tat-Trattat tal-KE (is-suq intern)³.

Id-Direttiva tirregola r-reklamar u l-isponsorjar tat-tabakk b'implikazzjonijiet transkonfinali fil-midja kollha għajr it-televisin. Fit-12 ta' Diċembru 2006, il-Qorti

¹ Id-Direttiva 2003/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar it-tqarrib lejn xulxin tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mar-reklamar u l-patrunaġġ tal-prodotti tat-tabakk, ĠU L 152, 20.6.2003, p. 16.

² Ara, eżempju, il-Pubblikazzjoni tal-Bank Dinji "Innaqqsu l-epidemija: Il-Gvernijiet u l-Ekonomiji tal-Kontroll fuq it-Tabakk (1999)", p. 50-51.

³ Każ C-376/98 Il-Ġermanja v. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, sentenza tal-5 ta' Ottubru 2000.

tal-Ġustizzja kkonfermat il-validità tad-Direttiva⁴. Il-Qorti kienet tal-fehma li l-kundizzjonijiet li jiġġustifikaw l-għażla ta' l-Artikolu 95 tat-Trattat tal-KE bħala l-bażi legali kienu ġew sodisfatti. B'mod partikulari, il-Qorti sostniet li l-libertà ta' l-espressjoni ġurnalistika, fiha nfisha, tibqa' mhux mittiefsa u l-kontribuzzjonijiet editorjali tal-ġurnalisti, għaldaqstant, mhumie x affettwati⁵.

Ir-reklamar u l-isponsorjar tat-tabakk fuq it-televixin huwa pprojbit mid-Direttiva Televixin Mingħajr Fruntieri (89/552/KEE). Din għandha tiġi sostitwita bid-Direttiva Servizzi tal-Midja Awdjoviżiva adottata f'Diċembru 2007, li testendi l-applikazzjoni ta' din il-projbizzjoni għall-forom kollha ta' komunikazzjonijiet kummerċjali awdjoviżivi, inkluż ir-reklamar moħbi⁶.

Fil-kuntest tal-Konvenzjoni ta' Qafas dwar il-Kontroll fuq it-Tabakk (FCTC), il-Komunità Ewropea hija attiva fl-iżvilupp ta' linji ta' gwida internazzjonali stretti sabiex tħares lill-popolazzjoni mir-reklamar tat-tabakk minn pajjiżi terzi. Il-KE hija faċilitatur prinċipali fil-grupp ta' ħidma li xogħlu huwa dak li jiżviluppa abbozz ta' linji ta' gwida komprensivi dwar l-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni⁷ u li jippreżenta rakkomandazzjonijiet fuq elementi prinċipali ta' protokoll dwar ir-reklamar, il-promozzjoni u l-isponsorjar transkonfinali li għandhom jikkumplimentaw dawn il-linji ta' gwida.

3. TRASPOŻIZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

Id-data ta' skadenza biex jidħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi sabiex jikkonformaw mad-Direttiva kienet il-31 ta' Lulju 2005.

Il-parti l-kbira ta' l-Istati Membri rrispettaw din id-data. Madankollu, xi Stati Membri ma ttrasponewx id-Direttiva fil-ħin u l-Kummissjoni fetħet kontrihom proċedimenti ta' ksur. Sussegwentement, l-Istati Membri kkonċernati kkomunikaw il-miżuri tagħhom biex jittrasponu d-Direttiva u l-Kummissjoni setgħet tagħlaq dawn il-każijiet tul l-ewwel nofs ta' l-2006, bl-eċċezzjoni tal-Ġermanja li l-miżuri tagħha għat-traspożizzjoni ġew ikkomunikati f'Diċembru 2006.

B'riżultat ta' dan, sa tmiem l-2006 l-Istati Membri kollha kienu laħqu kkomunikaw il-liġijiet u r-regolamenti tagħhom biex jittrasponu d-Direttiva. Madankollu, mill-iskrutinju tal-miżuri għat-traspożizzjoni ħareġ li xi Stati Membri oriġinarjament kienu introduċew eżenzjonijiet mill-projbizzjoni ta' l-isponsorjar għal ċerti avvenimenti importanti ta' interess ekonomiku kbir (bħall-Formula 1 u l-GP tal-muturi). Il-Kummissjoni kienet pronta tipproċedi b'każijiet ta' ksur kontra dawn l-Istati Membri. Minħabba li wara l-intervent tal-Kummissjoni l-Istati Membri għaġġlu biex bidlu l-leġiżlazzjoni tagħhom, il-Kummissjoni setgħet tagħlaq il-każijiet ta' ksur.

⁴ Każ C-380/03 Il-Ġermanja v. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, sentenza tat-12 ta' Diċembru 2006.

⁵ Il-paragrafu 156 tas-sentenza.

⁶ Id-Direttiva 2007/65/KE, ĠU L 332, 18.12.2007, p. 27.

⁷ L-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni jistipula l-obbligi tal-Partijiet li jipprojbixxu jew jillimitaw ir-reklamar, il-promozzjoni u l-isponsorjar tat-tabakk.

B'mod ġenerali, il-projbizzjonijiet ta' reklamar u sponsorjar tat-tabakk fl-Istati Membri huma usa' minn, u/jew imorru lil hinn, minn projbizzjonijiet stipulati fid-Direttiva, u japplikaw ukoll għal attivitajiet fil-livell lokali bħar-reklamar fiċ-ċinemajiet jew f'postijiet ta' bejgħ, l-isponsorjar ta' l-avvenimenti kollha u t-tqassim b'xejn.

Dan hu konformi mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-prevenzjoni tat-tipjip u dwar inizjattivi biex jissaħħaħ il-kontroll fuq it-tabakk⁸. Din ir-Rakkomandazzjoni tistieden lill-Istati Membri biex jipprojbixxu, skond prinċipji kostituzzjonali nazzjonali, kull forma ta' reklamar, sponsorjar u prattiki li jindirizzaw, direttament jew indirettament, il-promozzjoni ta' prodotti tat-tabakk.

Id-Direttiva issa ġiet trasposta mill-Istati Membri kollha b'mod sħiħ. Il-Kummissjoni ma taf bl-ebda qabża fit-traspożizzjoni fil-livell leġiżlattiv.

4. IMPLIMENTAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

4.1. Il-midja ta' l-istampa

4.1.1. It-terminu “pubblikazzjonijiet stampati”

L-Artikolu 3(1) jobbliga lill-Istati Membri li jipprojbixxu r-reklamar tat-tabakk fil-gazzetti u f'pubblikazzjonijiet oħra stampati. Jeżistu żewġ eċċezzjonijiet: professjonisti fil-kummerċ tat-tabakk u pubblikazzjonijiet li huma stampati u ppubblikati f'pajjiżi terzi, fejn daww il-pubblikazzjonijiet mhumie x intiżi, prinċipalment, għas-suq Komunitarju.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkjarifikat li t-terminu “pubblikazzjonijiet stampati” użat fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva jkopri pubblikazzjonijiet bħal gazzetti, perjodiċi u rivisti. Il-Qorti enfasizzat li l-intenzjoni ta' l-Artikolu 3(1) huwa li jiżgura ċ-ċirkolazzjoni ħielsa madwar is-suq intern għal mezzi kollha bħal dawn, u għalhekk hu neċessarju li fih ir-reklamar tat-tabakk jiġi limitat għal daww ir-rivisti u perjodiċi li mhumie x intiżi għall-pubbliku ġenerali (ir-raba' premessa tad-Direttiva). Għaldaqstant, il-projbizzjoni ma tkoprix bulettini maħruġa minn assoċjazzjonijiet lokali, programmi ta' avvenimenti kulturali, direttorji tat-telefown u fuljetti u prospetti varji⁹.

4.1.2. Traspożizzjoni mill-Istati Membri

L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva issa ġie traspost mill-Istati Membri b'mod sħiħ. Il-parti l-kbira ta' l-Istati Membri dan għamlu billi adottaw projbizzjoni ġenerali li tkopri l-forom kollha ta' reklamar, promozzjoni u sponsorjar. Għaldaqstant, fil-parti l-kbira ta' l-Istati Membri, il-projbizzjoni tkopri wkoll il-pubblikazzjonijiet ta' natura lokali u għalhekk għandha ambitu usa' mill-Artikolu 3(1).

L-Istati Membri kollha japplikaw ukoll iż-żewġ eċċezzjonijiet permessi mill-Artikolu 3(1) tad-Direttiva.

⁸ Nru. 2003/54/KE, ĠU L 22, 25.1.2003, p. 31.

⁹ Ara l-Każ C-380/03 Il-Ġermanja v. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, paragrafi 84-86.

4.1.3. Implimentazzjoni

B'mod ġenerali, il-projbizzjoni fuq ir-reklamar tat-tabakk fil-midja ta' l-istampa qed tiġi osservata. Reklami tradizzjonali ta' ditta tas-sigaretti jidher li huma assenti f'pubblikazzjonijiet intiżi għall-pubbliku ġenerali. Madankollu, il-midja ta' l-istampa fi ħdan l-UE mhix kompletament ħielsa minn reklamar u promozzjoni tat-tabakk.

Ir-reklamar tat-tabakk jista' jieħ u l-forma ta' referenzi fil-kontenut ta' stejjer tal-gazzetti u tal-midja ta' l-istampa. L-esperjenza turi li referenzi bħal dawn jistgħu jew jiġru b'kombinazzjoni jew ikunu maħsubin. Ngħidu aħna, il-*logos* tad-ditti tat-tabakk ġew inseriti fl-isfond ta' ritratti tal-moda f'rivista tal-moda. Apparti mill-kontenut editorjali, intużaw simboli ta' ditti tat-tabakk bil-kuluri maqlubin kif ukoll *logos* grafiċi tat-tabakk. Dan wera li d-dehra tal-*logos* ta' ditti tat-tabakk fl-isfond kienet maħsuba u mhux b'kombinazzjoni.

Barra minn hekk, ir-reklamar tat-tabakk ġieli ntlemaħ f'katalgi ta' ċerti postijiet ta' bejgħ. Eżempji tipiċi huma katalgi ta' ħwienet fuq vapuri transkonfinali li fihom ma titħallasx taxxa u rivisti li jitqassmu fuq l-ajruplan.

Barra minn hekk, ir-reklami tat-tabakk sikwit huma viżibbli fi xbihat/ritratti waqt l-aħbarijiet (eż. dawk meħuda minn avvenimenti sportivi) minn pajjiżi terzi fejn l-isponsorjar ta' tabakk ta' avvenimenti u attivitajiet għadu illegali. L-ambitu ta' din il-problema għandu jiddependi minn kemm il-Partijiet ta' l-FCTC jimplimentaw tajjeb il-projbizzjoni komprensiva fuq ir-reklamar, il-promozzjoni u l-isponsorjar tat-tabakk f'avvenimenti b'konformità ma' l-Artikolu 13 tagħha. Il-Kummissjoni hi involuta mill-qrib fl-isforzi internazzjonali tagħha biex tħaffef iż-żmien, kif ukoll taġevola l-effettività, ta' l-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu.

Id-Direttiva teżenta publikazzjonijiet li huma intiżi esklużivament għal professjonisti fil-kummerċ tat-tabakk. Il-Kummissjoni ġiet infurmata dwar reklami ppubblikati minn bosta kumpaniji tat-tabakk f'rivisti mmirati lejn in-negozju ta' l-*'ospitalità'* b'mod ġenerali (lukandi, ristoranti, kafetteriji, bars, eċċ.) bl-argument li dawn ir-rivisti huma mmirati lejn persuni li jaħdmu fil-kummerċ tat-tabakk.

B'mod ġenerali, l-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva hija sodisfaċenti: ebda reklam tradizzjonali ta' ditta tas-sigaretti fil-gazzetti jew f'pubblikazzjonijiet stampati oħra fis-sens ta' l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva ma ġie rrappurtat lill-Kummissjoni.

4.2. Servizzi tas-soċjetà ta' l-informazzjoni

4.2.1. Traspożizzjoni mill-Istati Membri

L-Artikolu 3(2) tad-Direttiva jestendi l-projbizzjoni fuq ir-reklamar fil-midja stampata għas-servizzi tas-soċjetà ta' l-informazzjoni¹⁰. Fi kliem ieħor, jeħtieġ ukoll

¹⁰ L-Artikolu 2(d) tad-Direttiva 2003/33/KE jiddefinixxi s-servizzi tas-soċjetà ta' l-informazzjoni bħala "servizzi fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 98/34/KE", ĠU L 204, 21.7.1998, p. 37, id-Direttiva kif emendata bid-Direttiva 98/48/KE, ĠU L 217, 5.8.1998, p. 18. Id-Direttiva 98/48/KE tiddefinixxi s-servizzi tas-soċjetà ta' l-informazzjoni bħala: "kwalunkwe servizz, normalment ipprovdut bi ħlas, li jingħata mill-bogħod, b'mezzi elettroniċi u fuq it-talba individwali tar-riċevitur tas-servizzi".

li l-Istati Membri jipprojbixxu r-reklamar tat-tabakk fis-servizzi tas-soċjetà ta' l-informazzjoni bl-istess eċċezzjonijiet għal dawk tal-midja stampata (pubblikazzjonijiet intiżi esklużivament għal negozjanti professjonali; publikazzjonijiet stampati u ppubblikati f'pajjiżi terzi u mhux intiżi prinċipalment għas-suq Komunitarju).

L-Istati Membri ttrasponew dan l-obbligu billi adottaw projbizzjoni ġenerali jew inkella billi introduċew projbizzjoni speċifika li tkopri s-servizzi tas-soċjetà ta' l-informazzjoni.

Ħafna mill-Istati Membri japplikaw ukoll l-eżenzjonijiet ta' l-Artikolu 3(1) li jissemmew hawn fuq għall-materjal impustat fuq l-internet.

4.2.2. *Implimentazzjoni*

L-ambjent virtwali huwa l-aktar pjattaforma transkonfinali komuni għar-reklamar tat-tabakk u l-ikbar sfida għall-implimentazzjoni effettiva tal-projbizzjoni ta' l-UE fuq ir-reklamar. Ir-ritmu ta' bidla ta' teknoloġiji tal-komunikazzjoni jwassal għal varjetà ta' pjattaformi għar-reklamar u l-isponsorjar tat-tabakk. L-isfida hija magħrufa sew ukoll f'oqsma bħall-pornografija tat-tfal, il-kummerċ fl-armi u t-terroriżmu.

Elementi ta' reklamar u sponsorjar tat-tabakk jiġu regolarment inseriti f'varjetà ta' kontenuti tal-midja diġitali, inkluż bejgħ tat-tabakk bl-internet u applikazzjonijiet speċjalizzati tal-komunikazzjoni li jitħaddmu fl-ambjent virtwali. Barra minn hekk, materjal promozzjonali li jiġi primarjament imfassal għal pjattaformi oħra – bħalma hi l-midja ta' l-istampa u avvenimenti varji – ta' spiss jitpoġġa bħala disponibbli anki fuq l-internet.

L-isfida prinċipali għall-implimentazzjoni tal-projbizzjoni tar-reklamar tat-tabakk fl-ambjent virtwali hija dik ta' kif wieħed jagħraf forom mōhbija ta' reklamar. Ir-reklamar tat-tabakk fl-internet normalment ma jkunx reklamar fis-sens tradizzjonali iżda jieħu varjetà ta' forom, l-aktar indiretti.

Ngħidu aħna, ix-xiri tat-tabakk mill-internet sar eħfef u aktar komuni. Id-Direttiva ma tkoprix il-bejgħ tal-prodotti tat-tabakk, imma l-websajts li jbigħu t-tabakk ħafna drabi jinvolvu element ta' promozzjoni ("ixtri bl-irħis"). Il-problema mhix marbuta biss mal-projbizzjonijiet tar-reklamar imma tinkludi wkoll il-bejgħ lill-minuri, l-evażjoni tat-taxxa, u reklamar, kummerċjalizzazzjoni u promozzjoni bla limiti. Xi Stati Membri għamlu l-bejgħ bl-imnut tat-tabakk suġġett għal liċenzja li tista' tinħareġ biss lill-bejjiegħa b'post ta' bejgħ bl-imnut permanenti.

Il-bejgħ transkonfinali tat-tabakk permezz tal-web huwa, kważi fil-każijiet kollha, għal kollox illegali għal raġunijiet fiskali, minħabba li l-bejjiegħa ġeneralment ma jirrispettawx l-obbligu li jħallsu d-dazju u l-VAT fl-Istat Membru fejn se jasal il-prodott.

Sfida oħra hija n-numru ta' entitajiet involuti fl-ambjent virtwali u l-identifikazzjoni tagħhom. Kważi kulħadd (ċittadini, negozjanti, organizzazzjonijiet ta' min ipejjepp)

jista' jipproduċi kontenut ta' reklamar u promozzjoni, jimpustah fuq l-internet u hekk jagħmlu disponibbli madwar id-dinja¹¹.

Id-dimensjoni internazzjonali toħloq l-akbar sfida f'termini ta' l-implimentazzjoni tal-projbizzjoni fuq ir-reklamar tat-tabakk fl-ambjent virtwali. Is-servers li fuqhom ikun qed jidher il-kontenut tar-reklamar jistgħu jkunu jinsabu fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiżi terzi.

Il-prattika wriet li jista' jkun diffiċli li wieħed jidentifika l-persuna naturali jew legali li tkun poġġiet il-materjal *on-line*. Din il-persuna tista' tagħlaq is-sit malajr u terġa' tiftħu xi mkien ieħor. Dan ikompli jiġi diskuss fil-kuntest ta' infurzar transkonfinali fit-Taqsima 4.6 hawn taħt.

Fejn jidħlu pajjiżi terzi, il-linji ta' gwida u d-deċiżjonijiet li se joħorġu mit-Tielet Konferenza tal-Partijiet taħt il-FCTC huma mistennija li jtejbju l-iskambji ta' l-informazzjoni ma' pajjiżi terzi.

L-ambjent virtwali huwa wieħed mill-aktar pjattaformi transkonfinali komuni għar-reklamar tat-tabakk. L-isfida prinċipali hawnhekk hi n-natura moħbija tar-reklamar u d-diffikultà biex wieħed jidentifika u jsib lill-persuni li huma wara reklamar ta' dan it-tip, speċjalment jekk dawn jistabbilixxu ruħhom f'pajjiżi terzi.

4.3. Kwistjonijiet marbuta ma' sponsorjar

4.3.1. Traspożizzjoni

L-Artikolu 5(1) tad-Direttiva jobbliga lill-Istati Membri biex jipprojbixxu l-isponsorjar tat-tabakk ta' avvenimenti jew attivitajiet li jsiru f'bosta Stati Membri jew li b'xi mod ikollhom effetti transkonfinali. Il-biċċa l-kbira ta' l-Istati Membri pprojbixxew l-isponsorjar mhux biss ta' avvenimenti transkonfinali, imma wkoll ta' avvenimenti lokali.

L-Artikolu 5(2) tad-Direttiva jobbliga lill-Istati Membri biex jipprojbixxu t-tqassim b'xejn ta' prodotti tat-tabakk fil-kuntest ta' avvenimenti transkonfinali. Ħafna mill-Istati Membri, il-projbizzjoni fuq it-tqassim b'xejn ta' prodotti tat-tabakk għamluha totali, jiġifieri mhux biss fil-kuntest ta' avvenimenti transkonfinali kif mitlub mid-Direttiva.

4.3.2. L-isponsorjar ta' l-avvenimenti

Il-projbizzjoni fuq l-isponsorjar tat-tabakk ta' avvenimenti transkonfinali hi implimentata sew fi ħdan l-UE. Ftit wara d-data ta' skadenza tat-traspożizzjoni l-Kummissjoni sabet problemi f'dawk il-pajjiżi li xorta waħda żammew l-eżenzjonijiet biex jippermettu l-isponsorjar f'ċerti avvenimenti sportivi.

Madankollu, l-arranġamenti dwar l-isponsorjar tat-tabakk fi ħdan l-UE ma ntemmewx għal kollox. Minflok, dawn hađu forum indiretti u aktar insidjużi li joħolqu sfida lill-awtoritajiet fl-Istati Membri responsabbli mill-infurzar. Hemm

¹¹ Pereżempju, websajt ta' netwerk ta' studenti li turi *logos* ta' ditta tat-tabakk mehmużin ma' ritratti meħudin minn festin ta' l-istudenti.

indikazzjonijiet ta' arranġamenti esklużivi dwar il-bejgħ u t-tqassim b'xejn ta' prodotti tat-tabakk waqt festivals għaż-żgħażaġh. Hemm ukoll tentattivi biex wieħed jagħmel il-prodotti tat-tabakk aktar attraenti billi jassoċjahom ma' avvenimenti, festivals, artisti ċelebri, stilel tal-films u prodotti differenti b'diversi mezzi, eż. kuluri, għamliet, *logos* modifikati, simboli, tipi, frażijiet attraenti, kliem, disinji, ismijiet modifikati tad-ditti, u kampanji oħra.

Ir-reklamar u l-isponsorjar tat-tabakk għadu viżibbli f'materjal li tkopri l-midja li jasal minn pajjiżi terzi li jippermettuh. Reklamar u sponsorjar bħal dan mhuwiex kopert mid-Direttiva, iżda jirriskja li jxekkel il-projbizzjoni ta' l-UE. L-aktar avvenimenti viżibbli huma l-avvenimenti sportivi u kulturali famużi li jirbħu ħafna attenzjoni mill-midja, bħalma huma t-tlielaq tal-Formula 1¹². Id-Direttiva tas-Servizzi tal-Midja Awdjoviżiva (2007/65/KE), li issa ttiprobixxi, b'mod ċar, ir-reklamar moħbi ta' prodotti tat-tabakk, tista' tkun rilevanti f'każijiet bħal dawn wara d-data ta' skadenza tat-traspożizzjoni tad-19 ta' Diċembru 2009¹³.

F'dawn l-aħħar snin, il-viżibbiltà tar-reklamar u l-isponsorjar tat-tabakk fi tlielaq sportivi tal-muturi qed tonqos. Huma biss tlieta l-pajjiżi li jorganizzaw it-tlielaq tal-Formula 1 u li ppermettew l-isponsorjar tat-tabakk tul l-istaġun 2006-2007: iċ-Ċina, il-Baħrajn u Monako.

4.3.3. *Il-promozzjoni tat-tabakk fil-films*

Filwaqt li l-isponsorjar ta' l-avvenimenti ta' spiss ikun konkret u viżibbli, l-isponsorjar ta' attivitajiet oħra huwa aktar moħbi. Jista' jkun diffiċli li wieħed isib evidenza dwar jekk jeżistix arranġament ta' sponsorjar jew le. Dan jeħtieġ investigazzjoni u riżorsi addizzjonali.

Għalkemm ma tindirizzax, espressament, it-tipjip fil-films, id-Direttiva ttiprobixxi l-isponsorjar tat-tabakk ta' attivitajiet transkonfinali. Il-promozzjoni diretta jew indiretta ta' prodotti tat-tabakk fil-films tista' tikklassifika taħt il-kunċett ta' sponsorjar ta' 'attivitajiet' transkonfinali pprojbti skond l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva jekk tingħata kontribuzzjoni minn kumpanija tat-tabakk lill-produttur tal-film jew lill-attur. Għaldaqstant, l-isponsorjar tat-tabakk fil-films u d-DVDs huwa illegali skond il-liġi ta' l-UE.

4.3.4. *Promozzjoni korporattiva*

Waħda mill-prattiki komuni ta' kummerċjalizzazzjoni li għad fadal hija dik li wieħed jirreklama l-manifattur tat-tabakk b'immagħni pożittiva bħala operatur tas-suq responsabbli. Anki jekk id-ditti mhumieħ preżentati b'mod dirett, promozzjoni korporattiva bħal din hija metodu ta' kif wieħed jikkummerċjalizza r-reputazzjoni tal-kumpanija u l-prodotti tagħha.

¹² L-Artikolu 13 ta' l-FCTC jitlob lil kull Parti biex ttiprobixxi l-isponsorjar tat-tabakk ta' l-avvenimenti internazzjonali, l-attivitajiet u/jew il-partiċipanti fihom. L-unika eċċezzjoni hija s-segwitu tal-prinċipji kostituzzjonali, f'liema każ iridu jiġu applikati xi restrizzjonijiet.

¹³ Bħalissa, ir-reklamar indirett tat-televisin li jirriżulta mid-dehra ta' *screen hoardings*, u viżibbli waqt ir-ritrażmissjoni ta' avvenimenti sportivi, ma jikkostitwixxix xandira ta' avvizz separat għall-promozzjoni ta' oġġetti jew servizzi fi ħdan it-tifsira tad-Direttiva tat-Televisin Mingħajr Fruntieri (89/552/KEE) u għaldaqstant ma jgħoddx bħala 'reklamar televiżiv' fis-sens tad-Direttiva.

Il-promozzjoni korporattiva tista' ssir permezz ta' reklam imħallas, ħafna drabi akkumpanjat b'messaġġi dwar il-kwalità eċċellenti tal-materja prima, l-użu ta' teknoloġiji moderni, responsabbiltà fir-rigward ta' sikurezza tal-prodotti, jew ir-responsabbiltà soċjali tal-kumpanija. F'xi Stati Membri, dawn il-prattiki huma suġġetti għal multa.

Metodu wieħed ta' promozzjoni bħal din huma rapporti dwar ir-responsabbiltà soċjali (CSR) ippubblikati f'websajts korporattivi. Il-kumpaniji jippruvaw jirrinfurzaw ir-reputazzjoni tagħhom billi jattiraw l-attenzjoni lejn il-prattiki tagħhom ta' negozju "soċjalment responsabbli", eż. fir-rigward ta' responsabbiltà fil-qasam ta' l-impjieg u dak ambjentali.

Minn meta l-Istati Membri ttrasponew id-Direttiva b'mod sħiħ, il-Kummissjoni ma osservatx u lanqas ġiet infurmata b'xi sponsorjar dirett tat-tabakk ta' avvenimenti transkonfinali organizzati fi ħdan l-UE. Madankollu, forom differenti ta' sponsorjar indirett joħlqu sfida lill-awtoritajiet fl-Istati Membri responsabbli mill-infurzar.

Jeħtieġ li ssir ħidma fi ħdan l-FCTC sabiex tirbaħ fuq pajjiżi terzi biex jadottaw projbizzjonijiet komprensivi ta' l-isponsorjar tat-tabakk.

Il-promozzjoni korporattiva għadha teżisti bħala metodu transkonfinali biex wieħed jikkummerċjalizza prodotti tat-tabakk. Jeħtieġ li jsiru metodi konformi ta' kif l-Istati Membri differenti jindirizzaw dawn il-każijiet.

4.4. Penali

L-Artikolu 7, l-ewwel paragrafu tad-Direttiva, jesiġi li l-penali jkunu effettivi, proporzjonati u deċiżivi. Il-parti l-kbira ta' l-Istati Membri jużaw sanzjonijiet ta' liġi kriminali (multi u, f'każijiet aktar serji, sentenzi ta' ħabs). Ġeneralment japplikaw ukoll sanzjonijiet ta' natura amministrattiva bħalma huma twissijiet u deċiżjonijiet amministrattivi biex ir-reklamar jitwaqqaf jew ma jiġix ripetut, bit-theddida ta' ħlas perijodiku f'penali.

Il-prattika wriet li l-awtoritajiet ta' l-infurzar fl-Istati Membri kapaċi jwaqqfu l-parti l-kbira tal-prattiki dubjużi b'mezzi amministrattivi (kuntatti, laqgħat, twissijiet, deċiżjonijiet amministrattivi). Għalhekk, il-penali għandhom, bi prova, effett ta' deterrent u l-proċedimenti tal-qorti huma meħtieġa biss f'xi ftit każijiet kontroversjali.

L-infurzar amministrattiv hu mħaddem b'suċċess. Għalhekk, il-penali għandhom effett ta' deterrent u l-proċedimenti tal-qorti huma meħtieġa biss f'xi ftit każijiet kontroversjali.

4.5. L-aċċess għall-ġustizzja

4.5.1. Traspożizzjoni mill-Istati Membri

L-Artikolu 7, it-tieni paragrafu tad-Direttiva, jobbliga lill-Istati Membri li jaħsbu għal aċċess għall-ġustizzja għal persuni jew organizzazzjonijiet li, skond il-leġislazzjoni nazzjonali, jistgħu jiġġustifikaw interess leġittimu fir-restrizzjoni tar-

reklamar u l-isponsorjar tat-tabakk. Dan jista' jinvolvi li wieħed itella' każ direttament quddiem il-qorti, jew li jressaq ilment lil korp amministrattiv li għandu l-poter li jieħu deċiżjoni amministrattiva jew li jibda proċeduri legali.

L-Istati Membri japplikaw ir-regoli ta' proċedura ġenerali dwar l-aċċess għall-ġustizzja jew inkella adottaw aċċess speċifiku għar-reġim ġudizzjarju għall-finijiet ta' kontroll fuq it-tabakk.

4.5.2. *Implimentazzjoni*

L-Artikolu 7, it-tieni paragrafu, jinvolvi żewġ modi ta' kif jiġu attivati l-proċedimenti legali: permezz ta' awtoritajiet kompetenti u permezz ta' attività ċivili. L-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu tvarja: f'xi Stati Membri, il-mezz ewlieni jkun azzjoni mill-gvern, l-aktar permezz ta' aġenziji governattivi speċjalizzati, filwaqt li xi Stati Membri jistrieħu aktar fuq azzjoni min-naħa ta' l-NGOs, l-aktar permezz ta' litiġju u preċedenti fil-qorti.

L-NGOs f'dan il-qasam jikkonsistu f'bosta organizzazzjonijiet speċjalizzati, bħalma huma gruppi dwar il-kanċer, organizzazzjonijiet tas-saħħa u dawk mediċi, kif ukoll organizzazzjonijiet speċifiċi tal-kontroll fuq it-tabakk. L-azzjoni minn gruppi tal-konsumaturi hija wkoll essenzjali sabiex tinkiseb implimentazzjoni tajba tad-Direttiva.

L-infurzar huwa assigurat mill-aġenziji speċjalizzati tal-gvern u billi jkun ipprovdut aċċess dirett għal proċedimenti legali għal organizzazzjonijiet mhux governattivi. Il-Kummissjoni ma rċeviet ebda ilment dwar diffikultajiet għall-għoti ta' aċċess għall-ġustizzja fl-Istati Membri għar-restrizzjoni tar-reklamar u l-isponsorjar tat-tabakk.

4.6. **Infurzar transkonfinali**

Id-Direttiva ma tinkludi ebda dispożizzjoni fir-rigward ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' l-infurzar fl-Istati Membri. Madankollu, il-pjattaformi moderni tal-midja ma jirrikonoxxux fruntieri nazzjonali. Fl-assenza ta' mekkaniżmu effettiv ta' infurzar, il-possibbiltajiet sabiex wieħed isib, jinvestiga u jwaqqaf ir-reklamar illegali huma limitati. Dan jippermetti lil min jaġixxi ħażin biex jevadi t-tentattivi ta' infurzar billi jimxi xi mkien ieħor.

Il-prattika turi li l-Istati Membri huma lesti li jitgħallmu minn modi ta' kif wieħed jimxi f'każijiet ta' problemi bħal dawn żviluppati fi Stati Membri oħra, speċifikament każijiet solvuti permezz ta' interventi amministrattivi jew legali. Meta jkun affaċċjati bi problema ta' reklamar transkonfinali, l-Istati Membri jistgħu jaqsmu l-aqwa Prattiki u jitolbu assistenza fir-rinfurzar minn Stati Membri oħra. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni ħadet l-ewwel passi biex tiffaċilita l-iskambju ta' l-informazzjoni bejn il-punti ta' kuntatt fl-Istati Membri.

Il-mekkaniżmi għall-infurzar transkonfinali diġà ġew żviluppati f'oqsma marbuta mal-konsumatur. Ir-Regolament dwar il-Kooperazzjoni tal-Protezzjoni tal-

Konsumatur¹⁴ jistabbilixxi qafas ta' ħidma għal assistenza reċiproka li jkopri l-iskambju ta' l-informazzjoni, talbiet għal miżuri ta' infurzar, u koordinazzjoni ta' sorveljanza tas-suq u ta' attivitajiet ta' infurzar. Dan il-mekkaniżmu huwa diġà applikabbli għal ċerti Direttivi dwar il-protezzjoni tal-konsumatur li jistgħu jkunu relevanti għar-reklamar u l-promozzjoni tat-tabakk partikolarment fl-internet¹⁵.

Il-Kummissjoni għandha se tesplora l-possibbiltà li tagħmel il-mekkaniżmu ta' infurzar transkonfinali fir-Regolament dwar il-Kooperazzjoni tal-Protezzjoni tal-Konsumatur applikabbli għad-Direttiva dwar ir-Reklamar tat-Tabakk.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri biex jistabbilixxu uffiċċji ta' kollegament ta' l-infurzar, jaqsmu l-informazzjoni, jieħdu l-miżuri kollha neċessarji ta' infurzar biex iwaqqfu kull ksur u jirrispondu mingħajr dewmien għal talbiet ta' infurzar ta' Stati Membri oħra.

Il-KE għandha tappoġġja l-iżvilupp ta' mekkaniżmu simili fil-kuntest ta' l-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 13 tal-FCTC.

5. KONKLUŻJONIJIET

Fuq il-bażi ta' l-informazzjoni disponibbli lill-Kummissjoni, wieħed jista jikkonkludi li l-liġijiet biex tiġi trasposta d-Direttiva huma fis-seħħ u huma implimentati tajjeb. B'mod ġenerali, l-Istati Membri għandhom projbizzjonijiet ta' reklamar u sponsorjar usa' minn dawk mitluba fid-Direttiva.

B'segwitu għall-introduzzjoni tal-projbizzjoni madwar l-UE, ir-reklamar u l-isponsorjar tradizzjonali ta' ditti tat-tabakk, dak dirett u ta' natura transkonfinali, waqaf fl-Unjoni Ewropea.

Min-naħa l-oħra, hemm indikazzjonijiet li l-promozzjoni tat-tabakk żdiedet fil-kummerċ lokali u fil-postijiet ta' bejgħ, speċjalment fi Stati Membri li jippermettuha jew inkella li ma jikkontrollawhiex b'mod effettiv.

Id-Direttiva hija wiesgħa biżżejjed biex tkopri mudelli ta' reklamar u sponsorjar tat-tabakk transkonfinali li jinbidlu. Min-naħa l-oħra, tagħti biżżejjed spazju lill-Istati Membri li jinterpretawha u japplikawha fid-diskrezzjoni tagħhom. Jeżisti r-riskju ta' interpretazzjoni u applikazzjoni inkonsistenti tad-Direttiva fi Stati Membri differenti.

Jeħtieġ li titkompla l-konformità fil-monitoraġġ u li l-Istati Membri jiġu ggwidati sabiex jiġu evitati differenzi fl-interpretazzjoni, fuq il-bażi ta' approċċ komuni li għandu jiġi definit b'konsultazzjoni ma' l-awtoritajiet u l-esperti ta' l-Istati Membri.

¹⁴ Ir-Regolament (KE) Nru 2006/2004, ĠU L 364, 9.12.2004, p. 1.

¹⁵ Id-Direttiva 97/7/KE, ĠU L 144, 4.6.1997, p. 19 ('Id-Direttiva in rigward ta' kuntratti li jsiru mill-bogħod') u d-Direttiva 2005/29/KE, ĠU L 149, 11.6.2005, p. 22 ('Id-Direttiva dwar prattiki kummerċjali żleali'). Din id-Direttiva tipprojbixxi azzjonijiet u omissjonijiet li jwasslu għal nuqqas ta' ftehim, eż. talbiet foloz ta' "ħieles mit-taxxa" (l-Artikolu 6 u 7). Dawn id-Direttivi jeħtieġu wkoll li l-konsumatur ikun infurmat dwar l-identità u l-indirizz tan-negozjant u dwar il-prezz li jinkludi t-taxxi kollha (l-Artikolu 4 tad-Direttiva in rigward ta' kuntratti li jsiru mill-bogħod u l-Artikolu 7(4) tad-Direttiva dwar prattiki kummerċjali żleali).

Jeħtieġ li jiġu żviluppati u msaħħa l-mekkaniżmi għall-infurzar transkonfinali.

L-ambjent virtwali huwa l-akbar sfida. Huwa diffiċli li jiġi kkontrollat minħabba n-natura moħbija tar-reklamar u minħabba l-fatt li min jaġixxi ħażin jista' faċilment jimxi xi mkien ieħor.

Fil-mument, il-Kummissjoni ma tarax il-ħtieġa li ttipproponi li d-Direttiva tiġi emendata.